# ĊIRKULARI

**Data:** **11 ta' Diċembru 2020** **Ref: DDLTS 50/2020**

**Għal:** **Kapijiet tal-Iskejjel Primarji (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja) u Sezzjonijiet**

**Minn:** **Direttur għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**

**Suġġett: OTPC - Kontinwazzjoni ta ' Tablet għal kull wild: Fażi 5**

---

Il-Kapijiet tal-Iskola huma ġentilment mitluba jġibu din iċ-ċirkulari dwar il-One Tablet Per Child (OTPC) għall-attenzjoni tal-Assistenti Kapijiet u l-edukaturi tar-raba' (4) sena fl-iskola tagħhom.

Fil-jiem li ġejjin se tiġi ikkomunikata id-data eżatta tat-tqassim tat-tablets il-ġodda taħt l-iskema Tablet Għal Kull Wild (OTPC) li se jitqassmu fil-ġimgħat li ġejjin lill-istudenti kollha tar-raba' (4) sena .

**Nota għat-tmexxija u l-għalliema**
L-iskejjel għandhom jibagħtu d-dokument tal-Politika ta' Użu Aċċettabbli (AUP)) lill-ġenituri tar-raba' (4) sena u jintalbu jiffirmaw. Ladarba t-tablets jaslu l-iskola, tista' tibda tqassamhom b'mod sistematiku lill-istudenti. In-numru tal-inventarju tal-tablet għandu jinkiteb fuq l-AUP u fl-inventarju onlajn tal-iskola. Bħal fis-snin ta' qabel mexxi bl-aħjar mod li jaħdem fl-iskola tiegħek. Nota importanti: l-iffirmar tal-AUPs mill-ġenituri rispettivi huwa obbligatorju.
(Edukaturi ġodda u studenti ġodda fil-klassijiet tal-5 Sena u s-6 sena se jiġu indirizzati separatament. Jekk jogħġbok segwi l-SOP mehmuża.)

**Proċeduri ssuġġeriti għat-tqassim tat-Tablets ta' Fażi 5**

**Preferibbilment fil-ġimgħa li ġejja:**

1. Aġġorna l-inventarju onlajn tat-tablets tal-iskola għas-snin 5 u 6 qabel ma jaslu t-tablets il-ġodda;

2. Id-dokumenti tal-AUP u l-GDPR (it-tnejn mehmuża) jiġu stampati mill-iskola u mqassmin lill-istudenti;

3. Staqsi lill-ġenituri biex jaqraw l-AUP, jimlew l-aħħar paġna biss u jġibuha lura l-iskola. Din il-paġna tingħata lill-għalliema u tinżamm mill-iskola.

**Ladarba l-tablets l-ġodda tar-raba' (4) sena jaslu fl-iskola;**

4. Ara li n-numru ta' tablets mogħtija lil kull klassi jaqbel man0numru ta' studenti fuq il- lista uffiċjali tal-klassi, u kwalunkwe diskrepanza tiġi rrappurtata lill-ict.support@ilearn.edu.mt;

5. L-istudenti jikkonfermaw li għandhom l-affarijiet kollha fil-basket tat-tablet, inkluż it-tablet bil-cover, stylus, batterija żejda, ċarruta tat-tindif, headphones, ċarġer, ċinga tal-ispalla u kejbil. Kull oġġett nieqes għandu jiġi rrapportat lil ict.support@ilearn.edu.mt

6. Aġġorna l-inventarju onlajn tat-tablets tal-iskola;

7. Il-laqgħat għall-ġenituri dwar l-użu tat-tablets jistgħu jiġu organzzati mill-iskola skont il-kalendarju ta' l-iskola; Il-ġenituri jistgħu jiġu mistiedna jattendu sessjoni ta' informazzjoni organizzati mid-Direttorat tal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali (DDLTS) f'Jannar 2021;

8. L-istudenti tar-raba' (4) sena li bħalissa qed jattendu l-iskola virtwali, se jiġbru l-tablet il-ġdid mill-iskola propja tagħhom. Dawn l-istudenti jintalbu jirritornaw it-tablet li jkunu ngħataw qabel fl-iskola propja tagħhom.

Se tinħareġ ċirkulari separata fil-jiem li ġejjin bid-dati preċiżi tat-tqassim tat-tablets. L-għalliema tal-Litteriżmu Diġitali u persuni mill-Avantis se jkunu qed jgħinu u jissapportjaw kif meħtieġ. Għal kull kjarifika ikkuntattjana fuq 2598 1564/5 jew permezz ta' email fuq digital-literacy@ilearn.edu.mt.

**Is-Sur Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**